Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11210 – ACCIONA CONCESIONES / COBRA / ENDEAVOUR / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 268/06)

1. Fl-24 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Acciona Concesiones S.L. ("Acciona Concesiones", Spanja), li tappartjeni għall-grupp Acciona S.A. (Spanja),

— Cobra Instalaciones y Servicios, S.A. ("Cobra", Spanja), li finalment hija kkontrollata minn Vinci S.A. (Franza),

— Endeavour Energy ("Endeavour", l-Awstralja),

— Kumpanija ġdida (joint venture, "JV", l-Awstralja).

Acciona Concesiones, Cobra u Endeavour se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma dawn li ġejjin:

— Acciona Concesiones hija l-fergħa tal-investiment ta' Acciona speċjalizzata fl-iżvilupp, il-kostruzzjoni, l-operat u l-manutenzjoni ta' proġetti ta' sħubija infrastrutturali pubblika privata (public private partnership, "PPP") b'arranġamenti ta' konċessjoni f'setturi bħat-trasport, il-kura tas-saħħa, is-sostenibbiltà, u t-telekomunikazzjonijiet,

— Cobra tipprovdi soluzzjonijiet integrati fl-oqsma tal-enerġija, l-inġinerija industrijali, it-telekomunikazzjonijiet, u l-enerġija rinnovabbli, u b'mod partikolari fl-iżvilupp tat-trażmissjoni, prinċipalment fl-Ewropa,

— Endeavour huwa attiv fis-settur tad-distribuzzjoni tal-elettriċità fl-Awstralja.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-JV li għadha kif twaqqfet se jkunu dawn li ġejjin:

— L-eżekuzzjoni ta' proġett li jinvolvi d-disinn, il-kostruzzjoni, il-finanzjament, l-operat, il-manutenzjoni, il-ġestjoni tal-assi u l-għoti lura ta' infrastruttura ta' network ta' trażmissjoni tal-elettriċità għaż-Żona tal-Enerġija Rinnovabbli tal-Ewropa Ċentrali fil-Punent ta' New South Wales (l-Awstralja).

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11210 – ACCIONA CONCESIONES / COBRA / ENDEAVOUR / JV

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË